**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 41 – IT-TNEJN, 27 TA' AWWISSU 2012 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Rita Saliba | Kunsillier |

1 **Approvazzjoni Minuti Numru 40**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur David Dalli issekonda. Kien hemm 7 favur u 1 astensjoni.

**2 Pagamenti Numru 67**

2.1 Pagamenti numru 17 u 19 għandhom jiġu ivverifikati qabel ma jsir il-ħlas. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Saret diskussjoni rigward l-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward rifużjoni ta' onoraja mogħtija żejda skont *Memo* mibgħutha mill-istess dipartiment. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-arranġament diġà sar mas-Sur Bonello Du Puis. Għandha tintbagħat ittra lis-Sur Joseph Aguis kif indikata fl-ittra.

3.2 Il-Kunsill ġie infurmat li saret laqgħa bejn is-Sindki ta' San Ġwann u tas-Swieqi rigward it-triq li tinsab fil-wied bejn iż-żewġ lokalitajiet. Is-Sur Bonello Du Puis ippropona li għandha tintbagħat ittra lil TM biex din it-triq titwessa' biżżejjed biex ikunu jistgħu jgħaddu 2 karrozzi u jkun hemm bankini minħabba li din it-triq tintuża' minn ħafna nies bil-mixi. Is-Sur Neville Mallia issekonda. Kien hemm 4 favur u 4 kontra. Is-Sindku uża l-*casting vote* favur din il-proposta.

3.2.1 Ġie diskuss ukoll il-kurduna li qed tinqala' hekk kif mitlub minn TM. Ġie deċiż li dan ix-xogħol ikompli għaddej u ma jsir ebda kumpens għal xi pajpijiet li għaddejjin minn taħt dawn.

3.3 Ġie diskuss masġar Patri Leopoldu Tabone. Ġie deċiż li l-kwotazzjoni tal-ELC għall-manutenzjoni ta' dan il-masġar tiġi aċċettata bħala estensjoni tal-kuntratt eżistenti.

3.3.1 Ġiet diskussa t-tisqija ta' dan il-masġar. Ġie deċiż li għal issa ma jsirx id-*drip irrigation* u jibqa' jissaqqa bil-*bowser*.

3.4 Rigward it-tindif tal-*culverts* f'San Ġwann, is-Sur David Dalli informa lill-Kunsill li hu se jagħmel kuntatt mad-Dipartiment tal-Gvern li jagħmlu x-xogħol.

Is-Sur Neville Mallia skuża ruħu mill-lagħqa fis-7.00 pm.

3.5 Ġiet diskussa l-lista tat-twaħħil ta' *doggie bins*. Ġie deċiż li jitwaħħlu 18 oħra madwar San Ġwann.

## 4 Affarijiet Oħra

4.1 Is-Sur Mikhail Micallef talab biex isiru l-fjuri fis-*soft area* fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Kuċċard kif ukoll biex jiddawwru l-bankijiet fi Triq Ugo Carbonaro. Is-Sur Micallef ippropona li jsiru numru ta' *outside ashtrays* madwar il-lokal. Ma kienx hemm sekondant.

4.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici informa lill-Kunsill li d-*deadline* għall-artikli fil-fuljett tal-Kunsill hija d-29 ta' Awwissu.

4.3 Is-Sinjura Violet Bajada staqsiet jekk it-triq taħt Masġar Patri Leopoldu Tabone hijiex ser tinfetaħ. Hija ipproponijet li tintbagħat ittra lil TM, fejn nindikaw fuq mappa, u nindikaw li kien hemm xi residenti li avviċinaw lill-Kunsill rigward din it-triq u x'inhuwa l-pjan ta' TM għal din it-triq. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm 6 favur u 1 astensjoni.

4.4 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex issir *bollard* fi Triq Stefanotis quddiem Block 15 B. Kien hemm qbil unaimu.

4.5 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex żewġ bankijiet jitneħħew minn Ġnien Karin Grech minħabba li għaddejjin ix-xogħlijiet. Hija infurmat lill-Kunsill li għall-attività ta' l-1 u 2 ta' Settembru intbagħtu l-inviti lill-MP tad-distrett. Ser ikun hemm wirja u karrozzi antiki tal-gwerra kif ukoll ikel, artiġjanat kif ukoll ġie applikat għall-permess għat-tombla għal din l-attività.

4.6 Is-Sur David Dalli talab biex tintbagħat ittra lil TM rigward linja ġdida li ngħatat fi Triq il-Qanneb kantuniera ma' Triq Sant'Andrija. Għandha tintbagħat ittra lil residenza privata rigward palma ħierga fi Triq il-Palma. Għandha tintbagħat ittra ukoll lil Enemalta rigward ħajt fi Triq Santa Margerita fejn sar xogħol mill-istess Korporazzjoni. Għandha ssir *bollard* fi Triq San Mikiel.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.10pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 10 ta' Settembru 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |